



Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għan-natura, għaċ-ċittadini u għall-ekonomija

Il-Kunsill adotta **konklużjonijiet** dwar **il-pjan ta' azzjoni tal-UE għan-natura, għaċ-ċittadini u għall-ekonomija**. Il-pjan ser itejjeb l-implimentazzjoni tad-direttivi dwar in-natura sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tagħhom. Il-ministri esprimew appoġġ għall-pjan ta' azzjoni tal-UE, li għandu l-għan li jindirizza diversi lakuni identifikati rigward l-implimentazzjoni permezz ta' erba' oqsma ta' prijetà u 15-il azzjoni konkreta. Dawn il-konklużjonijiet juru l-impenn qawwi tal-UE biex tipproteġi l-ispeċijiet u l-ħabitats naturali u biex tagħmel progress lejn il-mira tal-UE għall-2020 li jitwaqqaf u jitreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità u tas-servizzi tal-ekosistema. Il-konklużjonijiet jappellaw ukoll sabiex atturi tal-UE fil-livelli kollha jsaħħu l-koooperazzjoni bejniethom biex jinkiseb progress tabilħaqq.

- [Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Pjan ta' Azzjoni tal-UE għan-natura, għaċ-ċittadini u għall-ekonomija](#)

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press